**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Marius Sandu**
**Lucica Ivanciu**

Kaz Numru: 03/16

Illum 5 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra

**Marius Sandu**, ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Stefan u Filohdohia neé Sandu, imwieled gewwa Galati, Romanija nhar it-18 ta' Marzu 1982, u residenti gewwa fond numru 11, Flat 6, St. Albert Street, Gzira, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Rumena bin-Numru 685046

u

**Lucica Ivanciu**, ta' tlieta u tletin (33) sena, bint Sterica u Ecaterina neé Ivanico, imwielda gewwa Galati, Romanija nhar it-12 ta' Frar 1983 u residenti gewwa fond numru 11, Flat 6, St. Albert Street, Gzira, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' Rumena bin-Numru 998242

akkuzati talli:

1. nhar l-04 ta' Gunju 2016, ghall-habta tas-2.15 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' tal-iMdina, bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq ghad-dannu ta' Victoria Caroline Richens u/jew persuna jew persuni ohra, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom, u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261(c), 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jissugerixxu lill-Qorti sabiex ma timponiex piena effettiva ta' prigunerija fil-konfront tal-imputati ghar-reat addebitat lilhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-

imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, dak li gie suggeriet mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputati u kif ukoll l-istqarrijiet (Dok. "RV 2" u Dok. "RV 4") rilaxxati minnhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 41, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Marius Sandu u Lucica Ivanciu hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

______________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

______________________

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**